# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 266/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Juan Debono**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Juan Debono, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 452073M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Dicembru, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Miriam Debono, is-somma ta' €800, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2016 li biha, wara

ammissjoni sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Juan Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tkun mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami illi din hija wahda esagerata tenut kont illi huwa ma hallasx il-manteniment minnu dovut ghaliex ma kienx f'posizzjoni finanzjarja biex jaghmel dan u mhux ghaliex ma riedx ihallas u ghalhekk talab temperament fil-piena;
2. Fl-udjenza tal-llum, il-parte civile ddikjarat li l-appellant ottompera ruhu u dan wara li inghata differiment minn din il-Qorti sabiex jirregola d-debitu minnu dovut;
3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti

kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut anke jekk dan kien ifisser koncessjoni ta' differiment wiehed sabiex ikun evitat l-estremi tal-privazzjoni tal-liberta', f'dan il-kaz ta' gimghatejn detenzjoni;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-unika imputazzjoni, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-ammenda ta'  hamsin u ghoxrin euro (€25).

Giovanni Grixti
Imhallef